**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**ONOR. MAGISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Titolu eżekuttiv permezz tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 – meta jista' jiġi ddikjarat null – tlett dimensjonijiet tal-ġustizzja**

Illum, 14 ta' Frar 2018

Wara r-rikors numru 230/17 ta' Richard Buhagiar fl-atti tal-ittra ufficjali numru 1672/16 (Art166A)fl-ismijiet:

Evelyn Borg Grech ID220445M, Victor Petroni ID772348M, Philip Petroni ID134652M, Francis Paris ID73430M, Carmen Vella ID 510934M, Mary Mifsud ID673539M, Emanuela sive Emily Aquilina ID 461242M, Simon Petroni ID79167M, Caroline Bianco ID42764M, Noel Petroni ID17462M, John Zammit ID376086M, Stephn Petroni I~D 86559M, Catherine Petroni Passaport Brittaniku 03227265 u Moira Petroni Passaport Amerikan nru 51728683

Vs

Richard Buhagiar ID 383750M, Rosanne Mairangas ID595747M u Ms Anne Marie Gauci ID 308746M

Il-Qorti,

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Awwissu 2016, l-intimati talbu lir-rikorrenti sabiex ihallsu arretrati ta' cens allegatament dovut lilhom fuq kumpless ta' art fl-

inhawi tal-Mosta maghrufa bhala Ta' Mlit u li fuqha jinsabu mibnija tliet vilel u zewg *maisonettes.*

Illi din l-azzjoni saret mill-intimati skond l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u **IN SOLIDUM** kontra r-rikorrenti u hutu.

Illi in segwitu tal-istess ittra ufficjali saret risposta fit-termini stabbiliti bil-ligi minn wiehed mill-intimati fl-atti a tenur tal-Artikolu 166A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn gie mistqarr li "l-*ammont mitlub ma huwiex assolutament dovut fil-mod ta' kif gie formulat fl-ittra ufficjali imsemmija*".

Illi din it-tali oppozizzjoni mill-intimat kellha twassal ghall-konsegwenza li **l-att kollu jigi respint** a tenur tal-sub artikolu imsemmi u dan ghaliex l-att promotur gie prezentat kontra l-intimi IN SOLIDUM u ghalhekk it-twegiba tapplika in solidum.
Illi l-kelma "debitur" fil-ligi tfisser ukoll "debituri", u dan jixhed ukoll il-fatt li kienui qed jitharrku IN SOLIDUM bejniethom ghall-istess dejn.

Illi jekk bl-oppozizzjoni ta' wiehed mid-debituri IN SOLIDUM, id-dejn ma baqax cert, likwidu u li ghalaq skont l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jistax jibqa' cert likwidu u dovut fil-konfront ta' debituri ohra imharrkin in solidum.
Illi fil-kaz li t-titolu ezekuttiv jibqa' fis-sehh l-intimati f'dawn il-proceduri ser ikunu qed jarrikkixxu indembitament lilhom infushom.

Illi ghalhekk jirrizulta li hemm l-elementi mehtiega sabiex it-titolu ezekutti miksub jigi rexiss u ddikjarat null u bla effett u dan a tenur tal-Artikolu 166A(5).

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet premessi, u kif ser jirrizulta mill-provi, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li t-titolu ezekuttiv ottenut fil-konfront tar-rikorrent, permezz tal-ittra ufficjali Numru 1672/16 jigi rexiss u ddikjarat null u bla effett a tenur tal-Artikolu 166A, sub artikolu (5) sub-inciz (2).

Rat ir-risposta ta' Victor Petroni (ID No 772348M) datata 18 t'Ottubru 2017;

Rat ir-risposta ta' Philip Petroni (ID No 134652M) datata 3 ta' Novembru 2017;

Rat il-verbal datat 30 ta' Novembru 2017 fejn l-istess Moira Petroni assocjat ruhha fir-risposta pprezentata min Victor Petroni;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat:-

Rat illi permezz t'ittra ufficjali fl-ismijiet succitati, ippreżentata fl-24 t'Awwissu 2016, intalbet is-somma ta' €12.084 rappreżentanti ċnus dovuti fuq għadd ta' plots li ġew akkwistati minn Francis Buhagiar, *dante causa* tal-intimati Richard Buhagiar, Rosanne Mariangas, u Anne Marie Gauci, tlett uliedu u werrieta tiegħu, *in solidum* bejniethom. Gauci qatt ma giet notifikata. Buhagiar u Mariangas gew notifikati izda wiegbet biss Mariangas, f'isimha stess biss, permezz ta' nota ppreżentata fis-7 ta'

Settembru 2016. Wara li għaddew tletin jum mid-data tan-notifika lil Buhagiar, il-mittenti tal-ittra uffiċċjali dehrilhom li kienu akkwistaw titolu ezekuttiv a tenur tas-subinciz (4) tal-Artikolu 166A tal-Kap 12, għas-somma kollha, fil-konfront ta' Buhagiar, billi t-talba kienet kontra t-tlett intimati *in solidum* u ghalhekk, minkejja li wahda mill-intimati ma gietx notifikata u l-ohra opponiet it-talba, xorta wahda setghu jitolbu l-kreditu kollu minnhom pretiż minghand l-uniku intimat li gie notifikat zżda baqa' ma opponiex it-talba fiz-zmien preskritt mil-ligi.

Rat illi fl-20 ta' Gunju 2017 gie pprezentat mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra Buhagiar. Ma jirrizultax lill-Qorti, mill-kopja informi ta' dan il-mandat ipprezenta fl-atti, li Buhagiar ġie notifikat b'dan il-mandat; fuq il-formola tal-mandat hemm disa' riferti pozittivi li safejn setghet tiddeċifra l-Qorti jikkorrispondu ghad-disa' sekwestratarji; izda l-ebda riferta ma tirreferi ghas-sekwestrat;

Rat illi fit-22 t'Awwissu 2017 Buhagiar ipprezenta r-rikors promotur ta' din il-procedura li permezz tieghu qieghed, skont kif jiddikjara huwa stess a tenur tas-subinciz (ii) tas-subartikolu (5) tal-precitat Artikolu 166A, jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara t-titolu eżekuttiv miksub kif fuq inghad null u minghajr effett.

Ikkunsidrat:

Illi skont l-imsemmi Art. 166A(5)(ii) titolu ezekuttiv bhal dawk in kwistjoni jista' jigi ddikjarat null jekk:

(i) issir talba permezz ta' rikors;
(ii) fi zmien 20 ġurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' mandat ezekuttiv jew att gudizzjarju iehor imsejjes fuq it-titolu ezekuttiv u
(iii) l-ittra uffiċċjali ma jkunx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1) (2) jew (3) tas-succitat Artikolu 166A u cjoe` ghadd ta' formalitajiet bhat-twissija lill-intimati bil-konsegwenzi tan-nuqqas ta' oppożizzjoni fit-terminu stabbilit, u l-uzu tal-forma tal-ittra ufficcjali kif preskritta, u l-ammont ta' kreditu li jkun permess li jintalab permezz ta' din il-proċedura.

Ebda raġuni oħra ma tista' tinghata ghall-oppożizzjoni tat-titolu ezekuttiv (Art. 166A(6)).

Issa r-ragunijiet għall-oppożizzjoni tat-titolu ezekuttiv li jgib ir-rikorrent Buhagiar huma dawn:

(i) galadarba l-intimati gew interpellati in solidum, in-nota oppozitorja ta' Marangas ghandha tapplika għat-tlett intimati

(ii) jekk bl-oppozizzjoni ta' wiehed mill-intimati d-dejn ma baqax cert, likwidu u dovut fil-konfront tieghu, lanqas jista' jkun cert, likwidu u dovut fil-konfront tal-ohrajn

(iii) jekk it-titolu jibqa' fis-sehh il-mittenti tal-ittra ufficcjali sejrin jarrikkixxu ruhhom indebitament

Illi l-ebda wahda minn dawn it-tlett ragunijet ma tinkwadra ruhha fid-disposizzjonijiet tal-Art. 166A(5)(ii) u abbazi ta' dan biss it-talba tar-rikorrent Buhagiar ma tistax tigi milqugha. Ankorke` kellha din il-Qorti tqis dawn ir-raġunijiet, xorta wahda kienet tirrespingihom billi (i) Marangas opponiet f'isimha biss u mhux ukoll f'isem l-intimati l-oħrajn. Kif inhu sewwa maghruf, *in solidum* ifisser li kull wiehed minn tnejn ko-debituri jew iktar ikun passibbli għal talba tal-hlas tal-kreditu kollu – salv dejjem id-dritt tieghu li jitlob rimbors mill-ko-debituri l-ohra ghar-rigward ta' sehemhom. Kien possibilment ikun differenti l-kaz li kieku si trattava ta' obbligazzjoni indiviza u indivizibbli u cjoe` obbligazzjoni li bilfors – minhabba n-natura taghha - kellha tigi esegwita minn zewg debituri jew izjed flimkien (ii) il-fatt li intimat jopponi għal talba ghall-ħlas ta' debitu ma jista' jfisser qatt, lanqas remotament, li d-dejn ma jibqax ċert, likwidu u dovut u (iii) jekk it-titolu jibqa' fis-sehh il-Qorti ma tarax kif il-mittenti sejrin jarrikkixxu ruhhom indebitament: permezz tal-istess titolu jistghu jigbru l-ammont minnhom pretiz, u xejn iktar.

Illi kif gja` nghad, il-procedura tal-Artikolu 166A hija wahda straordinarja, ghaliex tikkonverti pretensjoni f'titolu ezekuttiv, minghajr il-htiega li ssir kawza, kemm-il darba l-intimat ma jirreġistrax oppozizzjoni fi zmien tletin jum. Procedura din li jekk l-intimat ma jirregistrax id-debita oppozizzjoni, tnezzghu għarwien minn kull difiza, u minn kull garanzija gudizzjarja, li jista' jqanqal fil-procediment ta' kawza. Fost kollox tnehhilu l-garanzija li jgawdi kontumaci f'kawza; cjoe` li kontumacja tfisser oppozizzjoni u allura tajjeb jew hazin l-attur xorta wahda jkun marbut li jipprova l-kaz tieghu għas-sodisfazzjon u taht is-supervizjoni tal-imhallef, magistrat, jew gudikant iehor. Procedura drakonjana; procediment mingħajr process gudizzjarju; izda *dura lex, sed lex* u l-Qorti għandha jdejha marbutin biha.

Illi wiehed jinhtieġ jifhem hemm tlett dimensjonijiet għal kull sistema ta' procedura: ir-rettitudni tad-decizjoni, iz-zmien sakemm tigi konkluza (huwa jedd fundamentali li tilwima tinqata' fi zmien ragonevoli); u l-ispejjez tal-proceduri. Dawn it-tlett dimensjonijiet izda m'humiex għal kollox kumplimentari ghal xulxin, u xi waħda jew oħra minnhom tinghata iktar prijorita` b'mod li jinħoloq kompromess. Hekk per ezempju f'tilwima dwar kreditu ta' ftit ghexieren ta' euro il-proceduri jridu jkunu ferm spedituzi u rhas izda dan qajla jista' jsir jekk wiehed joqghod jifliha bil-lenti u bir-reqqa biex jassigura r-rettitudni perfetta tad-decicjoni. Min-naha l-ohra, f'kawza li tinvolvi proprjeta` li tiswa miljuni ta' euro u kumplikazzjonijiet legali kbar wiehed qajla jista' jiggustifika li din ghandha tinqata' fi zmien qasir ħafna jew minghajr ma jkun hemm imhallef gharef li jqis sewwa u bir-reqqa l-argumenti legali u jaghrbel sewwa l-veracita`u l-awtenticita` tal-provi. Ghal approfondiment ta' din it-tema, ferm topika, ara **Civil Justice in Crisis,** editjata minn Adrian A.S. Zuckerman, Oxford University Press, 1999. Fid-disputi li jaqghu taħħ l-Artikolu 166A, il-leġislatur, tajjeb jew hazin, għazel li jirrestringi xi drittijiet tal-pretiz debitur fl-interess tas-socjeta` li t-tilwim ta' natura monetarja fejn id-dejn ikun cert, likwidu u li ghalaq jinqata' malajr u bl-inqas spejjez kemm ghall-Istat kif ukoll ghall-kredituri

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez ta' din il-procedura a kariku tieghu.

Maġ. Dr Grazio Mercieca